*skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Kap. 441, appell minn deċiżjoni tal-Bord huwa permess biss lil din il-Qorti fuq punt ta' liġi*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 22/2021 LM

**Rouvin Zammit Apap (K.I. Nru 151679M) f'ismu proprju u f'isem in-negozju 'one80 Kitchen'**
*('ir-rikorrent')*

***vs*.**

**Direttur Servizzi tal-Kummerċ**
*('l-intimat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dawn huma żewġ appelli, wieħed magħmul mir-rikorrent **Rouvin Zammit Apap (K.I. nru 151679M) f'ismu proprju u f'isem in-negozju 'one80 Kitchen'** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], u l-ieħor magħmul

inċidentalment mid-**Direttur Servizzi tal-Kummerċ** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur intimat'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Marzu, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha ddeċieda l-appell tar-rikorrent mid-deċiżjoni tad-Direttur appellat tal-15 ta' Settembru, 2020, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tad-Direttur appellat'], kif ġej:

> *"Għaldaqstant, meħud in konsiderazzjoni dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Bord jilqa' l-appell fis-sens illi, filwaqt illi jirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur appellat, jordna li jiġu estiżi l-ħinijiet tal-liċenzja sal-4.00am b'dan illi fil-hin ta' bejn is-1.00am u l-4.00am:-*
>
> *i) l-appellant m'għandux iservi klijenti fuq barra tal-istabbiliment;*
> *ii) l-appellant m'għandux jippermetti l-użu tal-imwejjed li għandu barra l-istabbiliment;*
> *iii) l-appellant għandu jibqa' marbut bil-kundizzjoni preżenti li tgħid li jista' jdoqq biss* background music*;*
>
> Del resto, *l-appellant għandu josserva skrupolożament il-kundizzjonijiet l-oħra tal-liċenzja eżistenti kif ukoll id-dettami tal-liġi speċjalment dawk li jipprojbixxu id-daqq ta' mużika amplifikata li tinstema' minn barra wara l-11.00pm."*

## Fatti

2. Ir-rikorrent għamel talba fis-6 ta' Lulju, 2020 lid-Direttur intimat sabiex jingħata estensjoni tal-ħin tal-ftuħ tan-negozju tiegħu li huwa jiġġestixxi mill-fond bl-isem 'one80 Kitchen', f'Triq Martino Garces, Mġarr, Għawdex, [minn issa 'l quddiem 'il-fond'], iżda fil-15 ta' Settembru, 2020 ġie infurmat mill-imsemmi Direttur intimat li t-talba tiegħu kienet qiegħda tiġi miċħuda *ai termini* tas-subregolament 6(2) tal-L.S. 441.07, wara li kien hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Kummissarju tal-Pulizija minħabba s-segwenti:

*'1) Premises are far too close to the Mġarr Marina where many live aboard their vessels, thus having a premises being left open so late could and would be disruptive to those on board.*
*2) Right above the mentioned premises, is where the Mġarr Hotel used to be and is now a luxurious apartment complex. Certainly having a premises open till 4am will be a nuisance to the residents.*
*3) We cannot afford to have a premises playing loud music in the area as this could be very disruptive and having a restaurant opening till 1am is more than sufficient'.*

## Mertu

3. Fit-12 ta' Ottubru, 2020 ir-rikorrent ippreżenta appell quddiem il-Bord fejn talab sabiex id-deċiżjoni tad-Direttur intimat tiġi mħassra u minflok tiġi milqugħa t-talba tiegħu għall-estensjoni tal-ħinijiet. Huwa ressaq is-segwenti aggravji: preliminarjament (A) ma kienet teżisti l-ebda applikazzjoni tal-15 ta' Lulju, 2020; mingħajr preġudizzju (B) kienu jeżistu dubji serji jekk it-termini tassattivament imposti mil-liġi ġewx segwiti; (Ċ) l-oġġezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija kienu għalkollox infondati; (D) ir-raġunijiet mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija kienu invalidi u rrilevanti.

4. Id-Direttur intimat wieġeb għall-appell tar-rikorrent fejn sostna li d-deċiżjoni tiegħu kienet waħda ġusta u timmerita konferma mill-Bord.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkonsidra:***

*Illi dan il-Bord jaqbel mas-sottomissjoni tal-appellant li hu mhuwiex marbut bl-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija però għandu l-mansjoni li jissindika l-istess. Tant hu hekk illi l-artikolu 36(1) tal-Liġi Sussidjarja 441.07 tikkontempla appell f'każ ta'* "Applikant għal liċenza taħt l-Att, ... iħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tas-Sezzjoni msemmija dwar xi liċenza... jew nuqqas ta' kunsens mogħti mill-Kummissarju tal-Pulizija lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ". *Kwindi kienet ir-rieda tal-leġislatur illi dan il-Bord jissindika wkoll l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija meta jkun hemm (a) żball materjali dwar il-fatti, (b) żball materjali proċedurali, (ċ) żball tal-liġi jew (d) xi illegalità materjali, inkluża <u>irraġonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalità</u>. (fn. 1 Artikolu 6(2) tal-Kap. 441 (enfasi tal-Bord).*

*Illi għalhekk irid jiġi deċiż jekk l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hijiex milquta b'tali nuqqas.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet* Dr Louis Buhagiar vs Prim Ministru et *(fn. 2 Deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla per Onor. Imħallef Abigail Lofaro fl-24 ta' Frar, 2012 (Ċitazzjoni Numru, 463/2005)) insibu s-segwenti:*

> Illi fil-kuntest ta' din id-disposizzjoni, jidħol l-element ta' dak li huwa "raġonevoli" *(reasonableness)* u li għandu jkun segwit mill-awtorità pubblika meta tiddeċiedi jew teżerċita d-diskrezzjoni tagħha. Wade ("Administrative Law") jikkumenta hekk:-
>
> "A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."

*Illi mill-provi jirriżulta illi l-istabbiliment in kwistjoni għandu permess biss biex idoqq* background music *u mhux qed japplika biex ibiddel din il-kundizzjoni Jirriżulta wkoll illi qatt ma kien hemm ilmenti kontra l-appellant għalkemm kien hemm ilmenti kontra stabbilimenti oħra fil-viċinanzi. Jirriżulta wkoll mhux kontestat illi l-istabbiliment għandu* solid wood *massiv u* fotocell sliding door *warajh għal kontra l-ħsejjes.*

*Illi dwar l-ex-Mġarr Hotel hemm ċertu distanza u allura l-aggravju tal-appellant huwa fondat fis-sens illi l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija mhix waħda raġonevoli f'dan ir-rigward. Il-Bord però mhux konvint ili d-dgħajjes li jorbtu fil-*

*viċinanzi tal-istabbiliment tal-appellant huma sempliċiment dgħajjes ta' sajjieda u* water taxis *għaliex iż-żona tad-dgħajjes tas-sajjieda hija ż-żona aktar 'il ġewwa fil-port.*

*Illi dwar parkeġġ il-Bord japprezza illi t-triq in kwistjoni mhix xi triq miżgħuda bil-ħwienet u stabbilimenti u għalhekk ma jaraxx illi l-parkeġġ għandu jkun problema.*

*Illi għalhekk il-Bord ser jilqa' l-appell però taħt ċertu kundizzjonijiet biex jiġu protetti l-interessi ta' kulħadd u jinħoloq bilanċ.*

*Għaldaqstant, meħud in konsiderazzjoni dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Bord jilqa' l-appell fis-sens illi, filwaqt illi jirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur appellat, jordna li jiġu estiżi l-ħinijiet tal-liċenzja sal-4.00am b'dan illi fil-ħin ta' bejn is-1.00am u l-4.00am:-*

*i) l-appellant m'għandux iservi klijenti fuq barra tal-istabbiliment;*
*ii) l-appellant m'għandux jippermetti l-użu tal-imwejjed li għandu barra l-istabbiliment;*
*iii) l-appellant għandu jibqa' marbut bil-kundizzjoni preżenti li tgħid li jista' jdoqq biss* background music;

*Del resto, l-appellant għandu josserva skrupolożament il-kundizzjonijiet l-oħra tal-liċenzja eżistenti kif ukoll id-dettami tal-liġi speċjalment dawk li jipprojbixxu id-daqq ta' mużika amplifikata li tinstema' minn barra wara l-11.00pm."*

## <u>L-Appell u l-Appell Inċidentali</u>

6. Ir-rikorrent ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fid-9 ta' Marzu, 2021 fejn qed jitlob sabiex din il-Qorti:

*"...jogħġobha tirriforma d-deċiżjoni appellata tat-3 ta' Marzu 2021 billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni fejn il-Bord laqa' l-appell tal-esponent, tirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur appellat, u ordna li jiġu estiżi l-ħinijiet tal-liċenzja sal-4.00am:*

*(a) tħassarha fis-sħiħ fejn il-Bord impona kundizzjonijiet għall-ħinijiet ta' bejn is-1:00am u l-4:00am;*

*(b) jew alternattivament, tħassar il-kundizzjonijiet indikati bin-numri (i) u (ii) u għar-raġunijiet kollha ndikati f'dan l-appell,*

*bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra d-Direttur appellat"*

L-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (i) il-Bord ma kellux is-setgħa li jimponi kundizzjonijiet; (ii) jekk il-Bord seta' jagħmel il-kundizzjonijiet, huwa ma setax ixejjen l-effettività tal-estensjoni kif milqugħa fid-deċiżjoni tiegħu; (iii) il-Bord naqas milli jiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

7. Id-Direttur intimat wieġeb fit-30 ta' Marzu, 2021, fejn qed jikkontendi li l-appell interpost mir-rikorrent għandu jiġi miċħud, filwaqt li ddikjara li huwa wkoll ma kienx jaqbel mad-deċiżjoni appellata għal raġunijiet oħra, u għalhekk kien qed jieħu l-opportunità sabiex jappella inċidentalment minn dik id-deċiżjoni. Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li l-Bord naqas milli jimxi skont il-liġi, għaliex ġaladarba rriżulta li l-oġġezzjoni tal-Pulizija kienet fondata, huwa ma setax jiddeċiedi li jestendi l-ħinijiet tal-ftuħ.

8. Ir-rikorrent wieġeb għall-appell inċidentali billi ssottometta li l-Bord kien korrett meta ddeċieda li jirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur appellat u għalhekk l-aggravju tiegħu kellu jiġi miċħud.

## **<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji rispettivi tal-partijiet fid-dawl ta' dak li ġie deċiż mill-Bord permezz tad-deċiżjoni appellata. Imma qabelxejn tirrileva li skont l-artikolu 8 tal-Kap. 441 tal-Liġijiet ta' Malta, appell minn deċizjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' liġi u għalhekk qabelxejn il-

Qorti ser tikkonsidra jekk kull aggravju rispettiv jinkwadrawx fil-parametri stabbiliti mil-liġi għall-fini ta' appell.

9. Meta jispjega l-ewwel aggravju tiegħu, ir-rikorrent jibda billi jirrileva li appell minn deċiżjoni tad-Direttur appellat huwa kontemplat fir-regolament 36 (Taqsima VI) tal-L.S. 441.07, u dan filwaqt li jagħmel riferiment għal dak l-istess regolament. Iżda l-Qorti mill-ewwel tgħid li dan ir-regolament mhux applikabbli għall-każ odjern li jittratta l-estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ u għalhekk m'għandux x'jaqsam mal-għoti ta' liċenzja. Ir-regolament 36 jagħmel parti mir-Regolamenti tal-Liċenzi tal-Kummerċ li tipprovdi għalihom il-L.S. 441.07. Dan ir-regolament joffri l-opportunità ta' appell lill-"*applikant għal liċenza taħt l-Att...".* Fil-każ odjern l-appellant mhux "*applikant għal liċenza*" għaliex huwa diġà jżomm liċenzja u għalhekk ma jistax jinvoka favur tiegħu r-regolamenti taħt il-L.S.441.07. Il-Qorti tgħid li huma proprju r-regolamenti kontemplati fil-L.S.441.08 li huma applikabbli għall-każ odjern. Għalhekk, filwaqt li l-aggravju tar-rikorrent jittratta punt ta' liġi peress li huwa qed jilmenta mill-fatt li l-Bord ma kellux is-setgħa skont ir-regolament 45 tal-L.S.441.07 li jimponi kundizzjonijiet, l-istess appell huwa msejjes fuq regolamenti li mhumiex applikabbli għall-każ odjern.

10. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tiegħu ġustifikat, u tiċħdu.

11. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li anki jekk il-Bord kellu s-setgħa li jimponi xi kundizzjonijiet, huwa ma setax bl-istess kundizzjonijiet ixejjen l-effettività tal-estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ li jkun akkorda, u b'hekk joħloq

diskriminazzjoni jew jimponi kundizzjonijiet bi ksur tal-prinċipju ta' proprozjonalità. Imma l-appellant hawnhekk jaqbad it-triq li permezz tagħha jiżvija fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, u kif sewwa jirrileva d-Direttur appellat, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Kap. 441, appell minn deċiżjoni tal-Bord huwa permess biss lil din il-Qorti fuq punt ta' liġi. Għalhekk l-aggravju tal-appellant ma jistax jiġi kkunsidrat, u l-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

12. Qabel ma tgħaddi sabiex tikkonsidra t-tielet aggravju tal-appellant, fejn qed jikkontendi li l-Bord naqas li jiddeċiedi dwar l-ispejjeż tal-proċeduri intavolati quddiemu, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju ewlieni tad-Direttur appellat. Dan tal-aħħar qed jinsisti li skont is-subregolament 6(3) tar-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji (L.S. 441.08), il-permess għall-estensjoni tal-ħin tan-negozju m'għandux jingħata jekk il-Kummissarju tal-Pulizija jkun oġġezzjona, u għalhekk il-Bord ma kienx mexa skont il-liġi. Jgħid li fil-każ odjern fil-fatt kienet saret oġġezzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija, u hawnhekk id-Direttur intimat iċċita t-tliet raġunijiet li l-Kummissarju tal-Pulizija ta sabiex jiġġustifika l-oġġezzjoni tiegħu. Irrileva li waqt il-proċeduri quddiem il-Bord, kien xehed is-Supretendent Curmi illi kienu saru diversi rapporti dwar storbju fl-akkwati. Meta mbagħad l-appellant ittenta jwaqqa' l-oġġezzjoni tas-Supretendent billi rrileva li fuq id-dgħajjes fil-viċin ma kinux joqgħodu nies, il-Bord għażel li jaqbel mas-Supretendent, filwaqt li stqarr illi *"iż-żona tad-dgħajjes tas-sajjieda hija ż-żona aktar 'il ġewwa fil-port"*. Id-Direttur appellat isostni li r-raġunijiet li ta l-Kummissarju tal-Pulizija għall-oġġezzjoni tiegħu, ġew pjenament ippruvati quddiem il-Bord u ma kienx hemm

l-iċken dubju illi l-fond kien qed joħloq inkonvenjent għar-residenti. Għalhekk ġaladarba kien irriżulta li l-oġġezzjoni tal-Kumissarju tal-Pulizija kienet waħda valida, il-Bord ma setax jestendi l-ħinijiet tal-ftuħ u dan skont l-imsemmi subregolament 6(3) tal-L.S. 441.08.

13. Min-naħa tiegħu l-appellant wieġeb li l-Bord kien korrett meta ddeċieda li jirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur appellat. Jissottometti li l-aggravju tad-Direttur appellat għandu xejra proċedurali, b'dana li jittratta l-mertu wkoll. Mill-aspett proċedurali jgħid li l-aggravju kien wieħed għalkollox infondat għaliex il-Bord għandu s-setgħa li jissindika l-kunsens jew in-nuqqas ta' kunsens tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-appellant jissottometti li hawnhekk id-Direttur appellat jonqos milli jagħmel riferiment għall-fatt li l-appell sar a tenur tar-regolament 36 tal-L.S. 441.07, li jagħti s-setgħa lill-Bord sabiex jissindika l-kunsens jew nuqqas ta' kunsens mogħti lill-Kummissarju tal-Pulizija. Għal dak li jirrigwarda l-mertu tal-aggravju, l-appellant isostni li għall-kuntrarju, meta xehed Superintendent Maurice Curmi, dan ikkonferma li l-istabbiliment qatt ma ħoloq problema jew inkonvenjent lil xi ħadd u lanqas kien hemm rapporti dwaru. Iżda l-istess ma setax jingħad għal stabbilimenti oħra li kienu ngħataw permess għall-estensjoni tal-ħinijiet sal-4.00 ta' filgħodu. Huwa jagħlaq billi jagħmel riferiment għall-appell prinċipali tiegħu sabiex b'hekk jgħid li jevita r-ripetizzjoni.

14. Il-Qorti ttenni għal darb'oħra li skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Kap. 441, appell minn deċiżjoni tal-Bord huwa permess biss lil din il-Qorti fuq punt ta' liġi. Għalhekk l-aggravju mressaq mid-Direttur appellat ser jiġi investigat limitatament bil-għan li l-Qorti tistabbilixxi jekk il-Bord naqasx milli

jottempora ruħu mal-liġi fl-għoti tad-deċiżjoni tiegħu. Is-subartikolu 6(3) tal-Kap. 441 jipprovdi kif ġej:

> *"(3) Il-Bord għandu, wara li jisma' lill-appellant, l-awtorità regolatorja u l-applikant, jekk dan ma jkunx l-appellant, jiddeċiedi l-appell u jagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu waqt seduta pubblika".*

15. Mid-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma jirriżultax illi, u dan għall-kuntrarju tas-setgħat limitati tas-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ, il-Bord huwa marbut b'xi mod fl-għoti tad-deċiżjoni tiegħu, għajr għall-fatt li huwa għandu jipprovdi r-raġunijiet għaliha. Wara li stħarreġ l-fatti li fuqhom sejjes l-oġġezzjoni tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija, u sab li waħda mit-tliet raġunijiet mogħtija minnu kienet tidher ġustifikata, jiġifieri li fil-viċinanzi kien hemm dgħajjes li fuqhom kienu jgħixu n-nies u li l-istorbju ser iwassal sabiex jikkawża fastidju lilhom, il-Bord għadda sabiex laqa' l-appell tal-appellant billi llimita l-kummerċ tal-fond sabiex dan ma jistax iservi klijenti fuq barra u lanqas jippermetti l-użu tal-imwejjed fuq barra. B'hekk il-Qorti tqis li l-Bord ottempora ruħu b'mod sodisfaċjenti mal-liġi. Għaldaqstant issib li l-aggravju tad-Direttur appellat mhux ġustifikat u tiċħdu.

16. It-tielet aggravju tal-appellant huwa li l-Bord naqas milli jiddeċiedi dwar l-ispejjeż tal-proċedura. Wara li jagħmel riferiment għar-Regolament 44 tal-L.S.441.07, jissottometti li fid-dawl ta' dak li ġie deċiż, kellu jkun id-Direttur appellat li jħallas l-ispejjeż ta' dik il-proċedura.

17. Id-Direttur appellat min-naħa tiegħu jsostni li l-Bord iddeċieda l-appell b'mod limitat u għalhekk ma kellux jiġi applikat is-subregolament 44(3) tal-L.S. 441.07 u l-ispejjeż għandhom jiġu sofferti mill-appellant.

18. Il-Qorti tirrileva għal darb'oħra li d-dispożizzjonijiet tal-L.S. 441.07 mhumiex applikabbli għall-każ odjern. Dan filwaqt li tosserva li l-att prinċipali l-Kap. 441 ma jipprovdiex dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Bord. Filwaqt li tagħraf li huwa minnu li l-Bord naqas milli jiddeċiedi dwar kif għandhom jitħallsu l-ispejjeż tal-proċedura quddiemu, ma tistax taqbel mal-appellant li dawn għandhom ikunu fl-intier tagħhom a karigu tad-Direttur appellat. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' limitatament dan l-aggravju tal-appellant.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti:**

1. **Tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, għajr li b'mod limitat tilqa' t-tielet aggravju tiegħu kif spjegat;**

2. **Tiddeċiedi dwar l-appell inċidentali tad-Direttur appellat billi tiċħdu;**

3. **Tikkonferma d-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Bord fit-3 ta' Marzu, 2021.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Bord għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet, dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant, u dawk tal-appell inċidentali tad-Direttur appellat għandhom ikunu a karigu tal-istess Direttur appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**